**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 8 – Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-4:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 7 li saret nhar **Il-ERBGĦA 24 TA' LULJU 2013** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda Magri Naudi u sekondata mill-Kunsillier Lorraine Farrugia, dawn ġew approvati unanimament.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

2.1 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat l-kontenituri tal-pjanti ta' Transfiguration Avenue għandhom jitnadfu mill-ħaddiema tagħna. Dawn is-sigar għandhom jinżabru f'qies wieħed mill-ELC Għalhekk kienu saru siġar ta' l-Oleandru.

2.2 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li l-pots u sigar li hemm fit-toroq u anke fit-tarmac fħ certu postijiet għadhom ta' żgombru. Dawn qegħdin f' toroq bħal Agostino Portelli, Mario Agius.

2.3 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li Triq id-Dejqa għandha bżonn urġenti ta' tarmac.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

***3.1 Dr Ian Castaldi Paris- Sindku***

***3.1.1*** Nforma li ċemplitlu Audrey Testaferrata de Noto dwar Naxxar Road.

***3.1.2*** Nforma li Ines Fenech (Blokrete)) infurmatu li quddiem il-kunsill lokali ser tapplika għal coffee shop.

***3.1.3*** Nforma li fuq xewqa tiegħu tinbgħat ittra f'kull dar ta' Ħal Lija biex ninfurmaw lir-residenti dwar l-inizjattiva ta' volotarjat ġewwa l-Etiopja. Xtaq ukoll li ssir xi fundraising activity biex dawk li ser jieħdu sehem jkunu jistgħu taffu ftit mill-ispejjes.

**3.2 *Ms Lorraine Farrugia***

**3.2.1** Nfurmat li waqt il-vaganzi tal-Milied tixtieq tagħmel dawn l-attivitajiet

**3.2.1.1** Ħarga għat-tfal ġewwa l-Akwarju nazzjonali

**3.2.1.2** Torganizza party għat-tfal u tagħlim min chef ITS.

**3.2.1.3** Terga ssir l-*father Christmas* event biex jitqassmu r-rigali tat-tfal.

3.2.1.4 Il-Kumitat iltaqa u tkellem dwar il-festa taċ-Ċitru

3.2.2 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia tkellmet dwar kif il-kunsill jista japplika għal fondi ta' Measure 313.

3.2.2.1 Recretation area

3.2.2.2 Heritage Trail

3.2.2.3 Signage

3.2.2.4 Maps

3.2.2.5 Area ta' l-Abbati.

*3.2.3* Nformat li għandu jsiru dog litter bin fi Triq Edigio Lapira

3.2.4 Nfurmat li l-fanali għandhom bżonn il-majka li tinbidel. Dawn kienu nxtraw min ġgand l-ITC. Infurmat li dawn mhux qed jagħtu dawl biżżejjed. Għandha tingieb quotation għal-laqgħa li jmis.

3.2.5 Nfurmat li tixtieq torganizza gita għat-tfal ġewwa Gardaland. Il-Kunsill qabel dwar dan.

*3.3 Dr Marc Sant*

*3.3.1* Nforma li peress li d-*deadline* tal-Measure 313 hija nhar it-23 ta' Settembru, xtaq jiċċekkja jekk il-progetti li ġejjin setgħux jaqgħu taħt din is-sejħa:

*3.3.1.1* Il-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni mit-torri l-isfel;

*3.3.1.2* L-isqaqien gewwa Ħal Lija;

*3.3.1.3* Ic-Centru Rikreattiv;

*3.3.1.4* Ix-Shelters gewwa Hal Lija.

Is-Segretarja nfurmat li l ebda proġett min dan ma seta jsir peress li jirrikjedi MEPA Permit.

*3.3.2* Nforma li xtaq laqgħa mal Perit. Is-Segretarja nfurmat li dan għandu jsir wara li jigi ffirmat il-kuntratt.

*3.3.3* Nforma li għandhom isiru dog litter bins ġewwa l-gnien talab li jsiru zewg litter bins hdejn il-gnien – wiehed fil-kantuniera bejn Triq is-Salvatur u Triq Karlu Darmanin u iehor fejn il-funtana fi Triq Giovanni Barbara kantuniera ma' Triq Sir Ugo Mifsud.

*3.3.4* Staqsa dwar x gara mil bring in sites li kellhom jinstallaw il-kumpanija Green MT.

*3.3.5* Nforma dwar il-Gita ta'Ruma pero is-Segretarja nfurmat li għandhom jingiebu 3 quotations.

3.3.6 Għamel suġġeriment li l-Kunsill jifformola *calendar of events* sabiex il-kunsilliera jkunu jistgħu jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom fi żmien differenti u ma jkunx hemm attivitajiet li jsiru f'daqqa.

3.3.7 Nforma li fuq inizzjattiva tiegħu ltaqa ma' Dr Joseph Fenech Direttur tal-Blokrete. Dan biex jara x-xogħolijiet li hemm bżonn isiru fit-Torri.

3.3.8 Qal li kien diżappuntat bl-organizazzjoni tar-riċeviment ta' wara l-festa. Ħass li min-naħa tal-University Residence kien hemm certi nuqqasijiet bħal li l-mistednin kienu mħaltin mal-bqija tar-residenti u li l-waiters ma baqgħux mal-mejda tax-xorb. Semma li kien anki ddiżappuntat bl-attendenza li kien hemm u qal li ħass li min-naħa tal-Kunsill kellhom isiru xi telefonati sabiex il-kunsill ikollu ħjiel tan-nies li kienu ser jattendu din l-attivita'.

3.4 *Ms Magda Magri Naudi*

3.4.1 Nfurmat li ma' l-attivitajiet ta' tfal nistgħu nżidu żjara fil-happy farm din tista ssir f' Ottubru.

3.4.2 Nfurmat li xtaqet tagħmel attivita' fejn tieħu grupp ta' nies fil-crafts village Ta'Qali. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.4.3 Nfurmat dwar it-tqassim tal-Flyer ta' l-Arabian Night mill- Maltapost. Gara li dan ma tqassamx. Is-Segretarja nfurmat li ser tagħmel laqgħa ma Sur Gafa biex titkellem dwar dak li gara.

3.4.4 Nfurmat li meta kellhom l-laqgħa l-kunsilliera dwar il-festa ta' Ċitru ħallew il-computers mixawla. Dan mhux għagir responsabli u qabel ma jitilqu għandhom jaraw li kollox mitfi nkluz l- airconditioner.

3.5 *Ms Stephanie Cutajar*

3.5.1 Isuġġeriet li jsiru xi sports events kif ukoll animal awareness campaign.

3.5.2 Nfurmat li ser tipprova ġġib rata aħjar għal ġita ta' Ruma.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Ilment mingħand residenti fi Triq Merino u triq Is-Salvatur li l-kollettur ghadu jasar ir-rubbish u jħalli skart maħ l-art kif ukoll riħa xejn pjaċevoli.

4.2 Jinfetah account mal-bank biex fih jitpogga l-flus li sejrin ghar-restawr tat-torri. Is-Somma li ngabret mill-ftuh tat-Torri waqt il-jiem tal-festa jitpogga f'dan il-kont. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3 Ittra minghand s-Sur Alfred Pule, li joqghod fi Triq Daniel Sammut c/w Triq Giovanni Barbara minhabba l-parkegg. Il-Kunsill qabel li din għandha tmur għand il-Perit.

4.4 Request biex fejn in-nicca tal-Madonna l-art issir bit-turf ahdar. Il-Kunsill qabel li dan mhux addat għal dak il-post.

4.5 Andrew Pace request biex isiru Re-freshing double yellow lines G.Cali Str.quddiem il-garage tieghu ghaliex meta marru l-haddiema jaghmlu re-fresh tal-lines ir-residenti waqfuhom. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

4.6 Is-Sur Clive Bartolo, li joqghod f'14, Orchid B, Triq Guiseppi Cali, Hal Lija, jixtieq jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill li wara li s-sena l-ohra tranagt it-Triq bi ftit tarmac, hemm bzonn li din il-bicca tax-xoghol terga ssir u possibilment qabel ma tibda x-xitwa. It-tarmac li kien sar rega gie bicciet minhabba l-uzu tal-makkinarju li qed jidhklu u johorgu sakemm jitlestew il-postijiet li qedin jindbnew. Il-Kunsill qabel li din għandha tkun diskussa mal-Perit,

4.7 2 Claims rigward incidenti li saru fi Triq Pantar. Dr. Kris Balzan diga tana l-parir tieghu issa fadal li jidecidi l-Kunsill.

4.8 Fondazzjoni DID Daqqa T'Id ser jorganizzae avvenitment kbir nhar 15 ta'Settembru fis-Sala Villa Lia. Huma qieghdin jaghmlu request ghal No Parking Signs fil-Pjazza u fi Triq Giovanni Barbara hdejn ic-Centru Rekreattiv. F'din l-attivita' ser jiehdu sehem kemm il-Prim Ministru kif ukoll l-Kap ta' l-oppozzizjoni. Din l-attivita' ser tkun ghal tifla li marida bil-marda tal-cancer u ser issirilha l-precet kmieni u ghalhekk ser issir festin fi Sala Villa Lia l-Kunsill Kollu u mistieden.

4.9 Dr. Marc Sant għamel request biex isiru bollards fi Triq il-Kbira quddiem ir-residenza ta' Sur Johnatan Cremona minhabba li kull darba trucks u heavy vehicles qieghdin jirqtu l-gallariji. Il-Kunsill qabel dwar dan pero b'mod immedjat għandhom isiru reflectors sakemm jiġi l-permess.

4.10 Ms. Mangafico tixtieq ukoll tirraporta li players tal-Football qieghdin jaghmlu training taghhom fi Triq Giuseppe Cali u mhux fil-ground. Ghalhekk qieghed ikun ta' inkonvenjent kbir kemm ghar-residenti kif ukoll ta' periklu ghal players. Irrid isir xi haga biex dawn jieqfu.

4.11 Ittra minghand is-Sinjura Elizabeth Gowland Camilleri fuq Flood Relief fi Triq il-Kbira, Hal Lija – kopja ta' l-ittra anness. IL-Kunsill qabel li din għandha tingħata lil perit.

4.12 Madre Helen Schembri ta' Ursoline Sisters li jinsabu fi Triq Sant'Andrija tixtieq taghmel request lill-Kunsill Lokali biex isir trinka ta' 6 piedi tul ghal spaction u katusa li taghti ghal gol-bir taghhom ghaliex qieghed joqghod l-ilma quddiem l-entratura ta' l-kunvent.

4.13 Is-Sur John Pace (99490866) li bhalissa qed jirranga d-dar li hemm faccata tal-Kazin tal-Banda San Pio X, gie l-ufficcju biex jara jekk jistax igib truck u jipparkjah fuq il-bankina peress li ghandu bzonn jarmi hafna haxix u imbarazz iehor. Jekk Mr Pace jithalla jdahhal dan it-truck fuq il-bankina, hemm bank mal-faccata tieghu li jkun irird jinqala temporanjament.

4.14 Karmenu Muscat resident minn Hal Lija jixtieq jaghmel claim mal-Kunsill li fi zmien il-festa baqa diehel go barrier bil-karozza Transfiguration Avenue ghaliex ma ndunax biha ghaliex kienet bla dawl il-barrier. L-Ammont li qieghed jiklemja u ta' 389.40 including VAT biex isewwi l-vettura tieghu. Il-Kunsill talab kopja tar-rapport tal Pulizija.

4.15 Duminku Cutajar jixtieq jaghmel request biex l-Kunsill jghaddi l-main ta' dranag fi Trejqet Kjeriku Gakbu Abela ghaliex huma sal-gurnata tal-lum għadhom kif kienu imqabdin ma' fossa. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.16 Saviour Sammut jixtieq ifakkar il-Kunsill Lokali rigward il-Ktieb dwar Hal Lija. It-tender għadha qed tiġi evalwata.

4.17 Is-Sur Bonnici jixtieq li single yellow line li ghandu l-garage tieghu jitnehha ghaliex hu ma talbux u xahar l-ghada qala citazzjoni quddiem il-bieb ta' dar tieghu stess. Il-Kunsill ma qabilx. Pero għandu jara għalfejn saret din il-yellow line quddiem garaxx private u mbaghad naraw kif ha nneħħu l-linja li tpoggiet.

4.18 Request mingħand Ms. Olivia Babayaro biex isir ittra mill-Kunsill biex l-iskola ta' L-Ursolini li tinsab fi Triq Sant'Andrija tqassama lil genituri kif tibda l-iskola biex ma jipparkjawx quddiem il-hanut Fenech Ironmongery meta jigu bit-tfal minhabba li dak il-hin jigu hafna deliveries.

4.19 Joseph Mangion jixtieq jagħmel request biex isiru NO PARKING Signs fil-pjazza tingħalaq l-pjazza minn naħa ta' Sir Ugo Mifsud Str. biss kif ukoll għajnuna finanzjarja ta' 300 euros biex igibu kantanti għal din is-serata nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan biss wieħed irid jiċċekja dwar it-traffic diversions tax-xogħolijiet li qed jagħmlu transport malta.

4.20 Mr. Micallef xtaq jaghmel request biex nhar it-Tnejn 16 ta'Settembru grupp ta' teachers 40 jitelaw fuq it-torri parti min zjara li ha jaghmlu gewwa Hal Lija Villa Francia u sejrin anke San Anton. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Is-Segretarja nfurmat li qed tipprepara l-boqs tal-ġnien tal-Mirakli. Il-Call for quotations u call for tender - għandhom jidru fil-gazzetta nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2013. Dan biex inlaħqu mad-deadline li tagħna d-dipartiment li l-fondi jridu jkunu użati sa l-aħħar tas-sena.

**5.2** Intagħlbet kwotazzjoni mingħand Smart Technologies biex ikollna servizz ta' kompjuter technician peress li l-MITA mhux ser jibqgħu jaqgħtu dak is-servizz.

**5.3** Il-Klassijiet ta' l-aerobics li ser jibdew mill-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2013 sa' l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2013. Kull klassi ser tkun is-sala ta' ħdejn il-kappella tal-mirakli ħal lija bejn 5:30pm u s-6:30pm. L-instructor Ms Daniela Zampa ser izzomilna €250.00 għal 10 klassijiet u l-Kapillan ser izommilna €250.00 talli ser nuzaw is-sala għaxar darbiet. L-ispiza ha tkun ta' €500.00

**5.4** Proposta – Car Free Day – Il-Kuntratt gie iffirmat u l-Kunsill inghata €2000. Fl-istess gurnata fil-Pjazza ser ikun hemm il-Mobile Blood Donation Unit from 6.00a.m. to 2.30p.m.

**5.5** Proposta biex il-website tal-Kunsill issir iktar moderna bl-għajnuna tal-Booking & Co. Il-Website li hemm bħalissa hija mimbnija fuq sistema antika ħafna u li difficli li tibqa titpogga nformazzjoni fuqha. Il-websites il-godda għandhom sistema iktar moderna u facli biex nibdew nieħdu ħsiebha l-Kunsill stess. Annessa hawn kwotazzjonijiet provduti minn Booking&co. Din hija mportanti ħafna li ssir b'mod speċjali minħabba l-live streaming tal-laqgħat li ser jibdew isiru dalwaqt. Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet min kumpaniji oħra. Din l-informazzjoni għandha tintbgħat lil kunsillieri kollha biex ikunu jistgħu jarawha.

**5.6** Ġie ffirmat ir-rapport tal- Playground.

**5.7** Memo 21 2013 – Linji Gwida dwar telefon cellulari tal KL

**5.8** Hemm bżonn li jinxtraw 2 kaptelli mingħand Asphaltar Labour Avenue, Naxxar. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.9** Is-Segretarja nfurmat li rċeviet email mid-dipartiment dwar id-donation li ngabret mit-torri dak in-nhar tal-Festa. Fakret li l-Kunsill kien qabel mal-proposta ta' Dr Marc Sant. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

**5.10** Is-Segretarja nfurmat li saret laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskutu l-evalwazzjoni tat-tenders:

**5.10.1** Accountant Services

**5.10.2** Architectural Services

**5.10.3** Legal Services

**5.10.4** Traffic Signs u Road Markings.

**5.10.5** Street Sweeping

Il-Kumitat kien immexxi min Dr Marc Sant. Il-Kunsillieri kollha kellhom iċ-ċans li jduru w jiddiskutu l-evaluation report li ġie preparat u wara li sar qbil unanimu is-Segretarja ppreparat in-notifications to award tender.

**6 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI**

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Awwissu 2013.

**TMIEM**

Fil-19.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |